# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-31 ta' Mejju, 2018.**

**Rikors Numru 873/2017**

**Luciano Grima**
**(K.I. 205072 (M))**

**vs.**

**Nicholas Calleja**
**(K.I. 221984 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-25 ta' Settembru, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kien inkariga lill-intimat jiddemolixxi l-fond proprjeta` tieghu numru 11, gia` 6, Triq Brighella, Fleur-de-Lys, Birkirkara, u jikkostruwixxi bini iehor minfloku, (ara foll 7);

1.2. Illi l-intimat ma lestiex l-appalt u l-kostruzzjoni *de quo*;

1.3. Illi ghalhekk qed isofri danni konsiderevoli;

1.4. Illi *di piu`* bdew jiskattaw penali ta' mitt euro, (€100.00), kuljum mid-data li l-intimat kellu jlesti x-xoghol *de quo*, senjatament il-31 ta' Jannar, 2016, (ara foll 8);

Ikkunsidrat:

2. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 39);

Ikkunsidrat:

3.0. Illi fir-rigward l-intimat issottometta zewg eccezzjonijiet preliminari, senjatament:

3.1. In-nullita` tal-kawza *stante* l-inkompatibilita` tat-talbiet tar-rikorrenti billi:

3.1.1. Talab l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjonijiet allegatament assunti in forza tal-kuntratt datat il-11 ta' Settembru, 2015, (ara foll 7), u

3.1.2. Talab ukoll il-hlas tal-penali;

3.2. L-inkompatibilita` tat-talbiet tar-rikorrenti *stante* li qed jintalab:

3.2.1. Kemm hlas ta' danni;

3.2.2. Kif ukoll hlas ta' penali;

4. Rat id-digriet taghha datat is-16 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tal-

intimat li ghaliha l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti irrimetta ruhhu, awtorizzat lill-partijiet biex l-ewwel jepuraw iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mill-istess intimat, (ara foll 65);

5. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward tal-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat;

Ikkunsidrat:

6. Illi ghalhekk, *ai termini* tad-digriet datat l-1 ta' Frar, 2018, din hi sentenza preliminari intiza biex tepura l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat;

7. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili dawn l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari jirrizultaw kjarament esposti fil-paragrafu numru tlieta, (3.), aktar qabel, (ara wkoll foll 44);

Ikkunsidrat:

8. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Theresa armla ta' Joseph Chetcuti *et* vs. Maria Carmela *sive* Lina Warrington *et***, datata l-**25 ta' Frar, 2016**, li stabbiliet is-segwenti:

> "Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx ...jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi ppregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata";
>
> "Fil-kaz "**Capua Palace Ltd. vs Arcidiacono Boris**" deciza fil-**31 ta' Jannar, 2003**, gie ritenut li:
>
> "Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` hu bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-

> intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";

9. Illi ssir referenza ghall-artiklu 1120 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16), li jistipula s-segwenti:

> "F'kull kaz iehor, id-debitur jaqa' fil-penali meta jsir hati ta' dewmien, bhal ma jinghad fl-artikolu 1130";

10. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet L-***Accountant General et* vs. *C.T. Enterprises Company Limited et***, datata d-**29 ta' Settembru, 2011**;

> "Illi l-ligi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jaghzel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-hlas tal-penali, sakemm il-penali ma gietx miftehma ghad-dewmien biss, f'liema kaz it-talba tat-tnejn hi possiblli";

Ikkunsidrat:

11. Illi fil-klawsola numru 2 tal-ftehim pattwit mill-kontendenti datat il-11 ta' Settembru, 2015, (ara foll 8), l-istess kontendenti odjerni stabbilew l-istess klawsola bhala wahda li timponi penali in konsegwenza ghad-dewmien biss *stante* li hemm stabbilew li l-penali hemm indikati "... jibdew jiddekorru ..." f'kaz illi ... Nicholas Calleja ma jkunx wettaq l-appalt kif imwieghed sal-ahhar ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax," (*recte* 31/I/2016), (ara foll 8);

Ikkunsidrat:

12. Illi in linea mal-kazistika fuq riprodotta ghandu jkun pacifiku li penali jistghu jintalbu flimkien mal-esekuzzjoni, u dan, f'kaz li l-penali jigu pattwiti ghal dewmien biss – bhal ma jirrizulta li hu l-kaz fil-procedura odjerna;

13. Illi in vista tal-premess, l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Calleja ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

14. Illi fir-rigward tat-tieni (2) eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat senjatament, l-inkompatibilita` tat-talbiet tar-rikorrenti *stante* li qieghed hawn jintalab kemm hlas ta' danni kif ukoll penali, ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Ogygia *Enterprises Limited* vs. Adolph Baldacchino u Pancrazio Cutajar** li rriteniet is-segwenti:

> "Illi tqum hawnhekk il-kwistjoni jekk kemm -il darba Ogygia tistax titlob kumpens taht il-kawzali tal-penali miftehma u kif wkoll id-danni. Fuq is-sahha ta' gurisprudenza ma jidhirx li z-zewg talbiet ma jistghux isiru flimkien, l-aktar fejn il-penali tkun iddahhlet ghad-dewmien. Izda dan ma jnaqqas xejn mill-htiega li l-parti mgarrba turi bi provi xierqa x'inhuma d-danni li tkun batiet, u mhux tistrieh biss fuq il-fatt li kien hemm ic-cirkostanzi li tiddekorri l-klawsola penali";

Ikkunsidrat:

15. Illi ghandu jkun pacifiku li klawsola rigwardanti penali tammonta ghal ftehim bejn il-partijiet firmatarji tal-istess ftehim dwar is-somma ta' flus dovuta f'penali mill-parti li ma twettaqx l-obbligu taghha fit-terminu pattwit favur il-parti l-ohra appaltanti, u dan, ghal kull gurnata ta' dewmien u sakemm jigi terminat u komplut l-appalt li jkun gie hekk miftiehem;

16. Illi klawsola ta' penali bhal dik in dizamina telimina n-necessita` ghall-kreditur li joqghod jipprova l-entita` tad-danni minnu subiti;

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **A.M. *Developments Limited et* vs Pauline Micallef**, datata t-**28 t'Ottubru, 2013**, li rriteniet is-segwenti:

> "*The fact that no damage has been caused does not prevent the penalty being claimed*";

Ikkunsidrat:

18. Illi ghandu jkun pacifiku li danni huma xi haga differenti minn penali;

19. Illi r-rikorrenti jista` jippretendi danni minghand l-intimat minhabba xi allegat nuqqas daparti tal-intimat, liema danni eventwalment, wara li jkunu gew debitament accertati, jigu sussegwentement likwidati mill-qorti skont il-ligi;

20. Illi konsegwentement, meta rikorrenti jitlob li jinghata danni, ghandu wkoll l-obbligu korollari li jipprova li attwalment u realment sofra danni li ghalihom hu responsabbli l-intimat;

21. Illi *di piu`*, jigi rilevat ukoll li l-istess rikorrenti jrid jipprova l-*quantum* ta' danni minnu sofferti;

Ikkunsidrat:

22. Illi in vista tal-premess ghandu jirrizulta pacifiku li d-danni u l-penali huma zewg kuncetti distinti minn xulxin;

23.0. Illi mill-gurisprudenza fuq citata jirrizulta wkoll pacifiku li hu legalment permess li kreditur jitlob:

23.1. Kemm il-penali pattwit;

23.2. Kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni;

24. Illi konsegwentement, anke t-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi in vista tal-premess ghalhekk jirrizulta abbundantement assodat li l-intimat m'irnexxilux jipprova z-zewg eccezzjonijiet preliminari minnu sollevati u konsegwentement:

**DECIDE:**

25.1. Tirrespingi z-zewg (2) eccezzjonijiet hekk sollevati mill-intimat fuq indikati;

25.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jkunu a karigu tal-intimat;

25.3. Illi l-imsemmija spejjez ghandhom jithallsu mill-intimat fi zmien hmistax il-gurnata mid-data tas-sentenza preliminari odjerna;

25.4. Illi tirrizerva li tappunta l-istess procedura ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu wara li tisma' lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**